VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,102, 11 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 412 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju (Emenda Nru. 3) u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Ordni prinċipali". L.S. 364.15.

Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali, il-kliem "iżda qabel l-1 ta' Jannar 2019." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iżda qabel l-1 ta' Jannar 2020.".

Jemenda l-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali.

3. Fil-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali, il-kliem "fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 2018." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 2019.".